StudentBounty.com

# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja
## L-Erbgħa l-1 ta' Ġunju 2011
## L-Iskema tal-Marki
## Il-Malti: Il-Kitba

**NOTA:**

- Tnaqqasx marki lill-istudenti li jwieġbu bl-ortografija ta' qabel id-*Deċiżjonijiet 1* (maħruġa mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti).
- Aċċetta kliem miktub bl-Ingliż li jkun fil-virgoletti jew li jkun miktub b'linja taħtu. Aċċetta wkoll il-kitba ta' kliem mill-Ingliż jekk jinkiteb kif jinħass fil-Malti, imma dejjem jekk ma jkunx hemm kliem ieħor popolari bi lsienna.

| **A. Il-kitba ta' istruzzjonijiet** | **(10 marki)** |
|---|---|
| **Kitba tajba**<br>**8 – 10 marki** | ▪ istruzzjonijiet bid-dettalji kollha mistennija<br>▪ kitba konvinċenti u li ssegwi għalkollox is-sekwenza mistennija<br>▪ ortografija tajba ħafna |
| **Kitba medja**<br>**4 – 7 marki** | ▪ istruzzjonijiet b'xi dettalji nieqsa<br>▪ kitba li tħajrek imma mhux daqshekk konvinċenti u mhux skont is-sekwenza mistennija<br>▪ ortografija b'xi żbalji |
| **Kitba batuta**<br>**0 – 3 marki** | ▪ istruzzjonijiet b'ħafna dettalji nieqsa<br>▪ ma tistax issegwi l-loġika tal-istruzzjonijiet<br>▪ kitba mimlija żbalji ortografiċi |

| **B 1: Il-kitba tal-pjan ta' artiklu**<br>**(Tnaqqasx marki minħabba żbalji tal-ortografija u tal-grammatika)** | **(4 marki)** |
|---|---|
| **Tħejjija tajba**<br>**4 marki** | ▪ tħejjija bid-dettalji kollha mitluba<br>▪ id-dettalji huma relevanti mas-suġġett |
| **Tħejjija medja**<br>**2-3 marki** | ▪ tħejjija mhux bid-dettalji kollha<br>▪ id-dettalji mhux għalkollox b'rabta mas-suġġett |
| **Tħejjija batuta**<br>**0-marka 1** | ▪ tħejjija mingħajr dettalji essenzjali<br>▪ id-dettalji mhux marbuta mas-suġġett |

| **B 2: Il-kitba tal-artiklu** | | | **(16-il marka)** |
|---|---|---|---|
| **Tajba** | **Medja** | **Batuta** | |
| **4** | **3-2** | **1-0** | ▪ kitba loġika u ċara bil-karatteristiċi kollha ta' artiklu |
| **4** | **3-2** | **1-0** | ▪ kitba marbuta mas-suġġett* b'mod oriġinali u maqsuma f'paragrafi, timxi mal-kronoloġija tal-fatti |
| **4** | **3-2** | **1-0** | ▪ għażla ta' kliem u użu ta' idjoma Maltija skont il-kuntest |
| **4** | **3-2** | **1-0** | ▪ tħaddim preċiż tal-ortografija u tal-grammatika |

* Kitba li mhix marbuta mas-suġġett, b'mod totali m'għandhiex tikkwalifika għal aktar minn 7 marki.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers